# L-Arloġġ tal-Knisja ta' Bormla u Xogħlijiet oħra ta' Mikielanġ Sapiano

Din is-sena l-arloġġ tal-Knisja Parrokkjali tal-Kolleġġjata ta' Bormla għalaq mitt sena. Fl-1893, fi żmien l-Arċipriet il-Kan. Dun Vinċenż Despot, kien ħa post arloġġ ieħor li kien ħadem Ġan Anton Tanti bosta snin qabel.

L-arloġġ li naraw illum hu xogħol Mikielanġ Sapiano. Tħallas mill-Knisja ta' Bormla u qam £60 – somma kbira għal dak iż-żmien.



L-arloġġ qiegħed fil-parti ta' fuq tal-Kampnar tax-xellug ta' min qed iħares, 'il fuq mill-qniepen u taħt il-gwarniċun tal-kampnar. Għandu tliet Kwadranti bin-numri rumani mpittrin u minutieri tal-bronż. Jaħdem b'mekkaniżmu kkontrollat minn tliet mazzri u għandu ħabel għal madwar 36 siegħa. Wara l-faċċata ta' l-arloġġ (fuq ġewwa) hemm minutieri oħra biex ikun jista' jiġi rregolat il-ħin. Idoqq żewġ tokki għal kull kwarta u tokk wieħed għal kull siegħa. Għandu tliet qniepen, li dari kienu fil-Knisja ta' San Franġisk de Paule li kienet fix-Xatt ta' Għajn Dwieli u li kellha titwaqqa' biex ġiet żviluppata t-Tarzna fit-tarf tas-Seklu l-ieħor.

Jieħu ħsiebu s-sagristan li kull jum itellagħlu l-mazzri biex jibqa' jaħdem.

Fil-kampnar l-ieħor, dak ta' fejn hemm il-qanpiena l-kbira, ma hemmx arloġġ jaħdem, iżda biex il-kampnar ma jibqgħax vojt u jiġi pariġġ l-ieħor, tpittru tliet Kwadranti bil-minutieri juru dejjem l-istess ħin. Dan l-arloġġ hawn min isejjaħlu 'l-arloġġ tax-xitan' għax il-ħin tiegħu dejjem wieqaf.

## MIKIELANĠ SAPIANO (1826 – 1912)

Mikielanġ Sapiano twieled l-Imqabba fid-19 ta' Marzu 1826 minn Baskal u Tereża Agius. Meta żżewweġ lil Mikelina Mifsud minn Ħal-Luqa fl-1847, mar joqgħod Ħal-Luqa u maż-żmien in-nies bdiet issibu b' "Mikielanġ ta' Ħal-Luqa". Hu baqa' jgħix hemm anke wara t-tieni żwieġ tiegħu (1857), sakemm miet fit-2 ta' Diċembru 1912 meta kellu 86 sena.

Missieru xtaqu jibda jaħdem għodda tar-raba bħal mħaret, marloġġi u oħrajn. Bagħtu jitħarreġ għand Mastru Ġużeppi Bugeja s-Siġġiewi. Iżda ġara li meta Mikielanġ beda jersaq lejn il-ħanut ta' l-arluġġar Kalċidon Pisani fis-Siġġiewi stess, nibtet fih in-namra ta' arluġġar.

Beda jmur jiħarreġ taħt l-imgħallem Ġananton Tanti. Tanti kien ħaddied u fundatur u arluġġar magħruf sewwa.

## L-EWWEL XOGĦOL

Ta' erbatax-il sena Mikielanġ kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu fejn beda jsewwi l-arloġġi. Huwa malajr kiseb isem wara li rnexxielu isewwi l-arloġġ tal-Knisja ta' raħal twelidu – l-Imqabba. Bil-mod il-mod beda jagħmel l-arloġġi wkoll, ta' kull għamla u daqs – arloġġi jaħdmu bil-molla jew bil-mazzri – għal djar privati. Hu baqa' sejjer hekk sakemm fl-aħħar ħadem l-ewwel arloġġ kbir għall-Knisja tal-Gudja. Lestih fl-1860 meta kellu 34 sena. Wara dan bdiet sensiela sħiħa ta' mhux anqas minn wieħed u għoxrin arloġġ, ħafna minnhom għall-Knejjes u postijiet oħra, uħud minnhom b'aktar minn kwadrant wieħed u jaħdmu f'żewġ kampnari.

## XI ARLOĠĠI GĦALL-KNEJJES

Mikielanġ Sapiano lesta l-arloġġ tal-knisja ta' Ħal-Kirkop fl-1862, dak ta' Ħ'Attard fl-1872 u tal-Kalkara fl-1873 (sortunatament dan inqered bil-gwerra). L-arloġġi tal-Knejjes ta' Stella Maris tas-Sliema, tal-Mellieħa u tax-Xewkija lestihom fl-1875. Sentejn wara spiċċa tlieta oħra – dak tal-Knisja taċ-Ċimiterju ta' Maria Addolorata, tan-Nadur u ieħor tas-Sannat. Dak ta' San Ġorġ (Ħal-Qormi) u San Pawl (B'Kara) lestihom fl-1878. Fl-1881 għamel ta' Ħal-Luqa u sena wara ta' San Filep (Ħaż-Żebbuġ). Wara dawn ħadem tal-Mosta (1889) u tal-Knisja ta' Bormla (1893). L-aħħar li għamel kien għall-Knisja ta' San Nikola tas-Siġġiewi fl-1894.



## ARLOĠĠI U XOGĦLIJIET OĦRA

Ma' dawn ta' min isemmi wkoll l-arloġġi li ħadem għax-xatt tal-Marsa fl-1873 u għall-Knisja ta' Santa Katarina f'Lixandra fl-1888.

Mikielanġ Sapiano kien ġie mqabbad (1894) biex jimmodifika l-arloġġ tal-Palazz tal-Belt, biex ma jdoqqx tokki matul il-lejl għax kienu jagħtu fastidju lill-Gvernatur.

Minbarra l-arloġġi, li xi wħud minnhom barra li juru l-ħin juru wkoll il-jum, ix-xahar, il-fażi tal-qamar u l-ħin ta' tlugħ u nżul ix-xemx ħadem stasiji, mwieżen, krikkijiet u xogħol mekkaniku ieħor. Mikielanġ Sapiano kien imfittex ħafna għal xogħlijietu. Fl-1894, is-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattur u Kummerċ tagħtu Ċertifikat u medalja tal-fidda u fl-1908 Ċertifikat ieħor u medalja oħra tad-deheb għall-ħila li wera f'xogħlijietu.

## EGĦLUQ

L-arloġġ tal-Knisja ta' Bormla għadu magħna jimmarka l-ħin għan-nies ta' Bormla u għall-oħrajn. Għalaq mitt sena. Ma rċieva l-ebda kartolina jew messaġġ ta' awguri. Ħadd ma mar jifraħlu. Ħadd ma mar iżuru għajr is-sagristan li jieħu ħsiebu.

## REFERENZI:


1. Arkivju Parroċċa Mqabba – Liber Baptizatorum Vol. 5 p. 101.
2. Castagna P.P. – L-Istorja ta' Malta u l-Gżejjer Tagħha – 1890.
3. Micallef Dun Ġużepp – Ħal-Luqa – Niesha u Ġrajjietha – 1975.
4. Guillaumier A. – Bliet u Rħula Maltin 1972.
5. Heritage No. 21.



# STAR TRAVEL AND INSURANCE

*For the Best Value in Travel and all types of Insurance*

**Martin Baron** ***B.A.(Hons)***
*managing director*

14A,
St. Theresa Street,
Cospicua CSP 02,
Malta.
Tel: 697865

All correspondence to:
6, Battery Street,
Valletta VLT 01, Malta.
Tel:241470 • Fax: 243479
Tlx: 1060 STARS MW